MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 372/2004

**RLR Ltd (C-554)**

**vs**

**Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1,668.00) rapprezentanti import ta' sbatax-il kambjala kwazi kollha ta' mitt lira Maltin-il wahda (Lm100), debitament accettati, skaduti u mhux imhallsa mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tad-19 ta' Awissu 2003, tat-12 ta' Settembru, 2003, tat-12 ta' Dicembru, 2003 u tat-12 ta' Jannar, 2004, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2004 u bl-imghaxijiet legali

mid-data ta' l-istess kambjali kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut Joseph Caruana fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------